MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2008

Numru. 336/2008

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ALEXANDER GRECH**

**KONTRA**

**AMANDA AQUILINA ta’ 29 sena, bint Albert u Carmen nee’ Grech, imwielda Tal-Pieta’ nhar il-21 ta’ Marzu, 1979, residenti fil-fond numru 8, Block U, Door A, Triq Cinerarju, Santa Lucija, detentrici tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 144779M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra l-hawn fuq imsemmija Amanda Aquilina li giet akkuzata talli:

1. Nhar it-18 ta’ April, 2008 bejn is-7.30am u t-3.00pm minn go vettura bin-numru tar-registrazzjoni AJG 463 ta’ ghamla Isuzu li kienet ipparkjata fi Triq Dawret it-Torri, Santa Lucija, ikkommettiet serq ta’ basket li kien fih

wallet, ktieb tal-bank HSBC, ktieb tal-ircevuti tal-VAT, cheque book tal-HSBC, karta ta' l-identita' bin-numru 164563M mahruga f'isem Angelo Magri u affarijiet ohra, ghad-dannu ta' l-istess Angelo Magro u tal-HSBC, liema serq huwa aggravat bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa, u dan bi ksur tal-Artikoli 261(c)(g), 267, u 271(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, hinijiet differenti minn go postijiet differenti, cioe' f'Rahal Gdid, Hal-Tarxien, u l-Fgura, u postijiet ohra, b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, ghamlet qliegh ta' €3,089(tliet elef u disa' u tmenin Ewro), cioe' Lm1,328.00(elf, tliet mija u tmienja u ghoxrin lira Maltin), ghad-dannu ta' Angelo Magri mill-Qrendi, ghad-dannu tal-HSBC u ghad-dannu ta' persuni ohra u dan bi ksur tal-Artikoli 308 u 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin minnha, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda, u dan bi ksur tal-Artikolu numru 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi ghamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerjcjali jew ta' bank privat, fuq akkont ta' terzi persuni, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqot pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu iffurmati, inkella billi ziedet jew bidlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe' cheque book tal-HSBC u dan bi ksur tal-Artikolu 183 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi xjentement ghamlet uzu minn att, kitba, jew

skritturi foloz, jigifieri cheque book u dan bi ksur tal-Artikolu 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. U aktar talli fl-istess dati, hin, lok, u cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer, xjentement xtrat jew laqghet ghandha hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan isir Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod iehor li jkun indahlet biex tbieghhom jew tmexxiehom u dan bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. U aktar talli nhar it-18 ta' April, 2008 ghall-habta ta' xi 6.00pm waqt li kienet arrestata fl-ghassa tal-pulizija tar-Rahal Gdid, harbet mill-post ta' kustodja u dan bi ksur tal-Artikoli 152, 153(a) u 160 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. U aktar talli b'hekk kisret il-kundizzjonijiet li gew imposti fuqha mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), datat 17 ta' Gunju, 2005.

Rat li giet irtirata r-raba' (4) akkuza hekk kif dedotta fil-konfront tal-imputata, li tirrigwarda falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku;

Rat li l-imputata irregistrat ammissjoni fis-seduta ta' nhar it-28 ta' Mejju, 2008;

Rat li giet ikkonfermata l-istess ammissjoni fis-seduta tal-lum.

Ikkunsidrat:

Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda ssib lill-imputata Amanda Aquilina hatja tal-akkuzi hekk kif dedotti kontrieha, dan wara li rat l-Artikoli 261, 267, 271, 308, 309, 18, 183, 184, 334, 52, 53, 160, u 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Rat ukoll l-Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 u tikkundannaha ghal piena karcerarja ta' xahar (1);
Tordna li titqieghed taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlitt (3) snin, ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet

ta' Malta, u qieghda tahtar ghal dan l-iskop lill-Ufficjal tal-Probation Victoria Grech.
Tordna wkoll illi l-istess imputata tibda u tispicca b'success program residenzjali ta' riabilitazzjoni mill-abbuz tad-droga fi hdan l-Agenzija Oasi u Sedqa skond l-ezigenziji tal-istess agenziji. Ghandha wkoll fi hdan il-programm u fiz-zmien hemm imsemmi ssegwi kura psikjatra u psikologika skond id-direttivi lilha moghtija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------